**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**George Attard ta' 37 sena iben John Mary u Josephine nee Sillato li joqghod 'Nuova Casa', Triq Wied Sara, Victoria, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 24464 (G)**

Illum 23 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar fil-25 ta' Gunju, 2001 ghall-habta tal-5:15 p.m. fi Triq Wied Sara, Victoria, fetah hanut tax-xoghol ta' mastrudaxxa fil-garaxx tieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, (2) barra minnhekk hadem sengha illi tista' ddejjaq il-girien u li tista' tkun kagun ta' rwejjah li jaghmlu hsara lis-sahha.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 321 (1) tal-Kap 10.

Semghet il-provi u l-ammissjoni fuq l-ewwel akkuza;

Issib lill-imputat hati taz-zewg akkuzi;

Rat l-artikoli 181, 130 u 319 tal-Kap 10;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq l-ewwel akkuza u ghaxar liri Maltin (Lm10) ammenda fuq it-tieni akkuza.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur